26 ta' Settembru 2019

Iċ-*Chairperson*
Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta,
Il-Belt Valletta

Onor. *Chairperson*,

Nhar it-Tnejn li għadda 23 ta' Settembru 2019, l-istazzjoni tat-televiżjoni Franċiż M6 xandar investigazzjoni li ġiet imwettqa mill-ġurnalisti tiegħu f'pajjiżna. Minn din l-investigazzjoni rriżulta li wieħed mill-aġenti tal-bejgħ taċ-ċittadinanza Maltija ftaħar ma' dak li għalih kien klijent prospettiv dwar influwenza u rabtiet mal-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, mas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, l-Onor. Julia Farrugia Portelli u l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici.

F'din l-investigazzjoni ġie żvelat ukoll li dan l-istess aġent ftaħar li jista' saħansitra jirranġa biex l-awtoritajiet ta' pajjiżna jagħlqu għajn waħda meta persuni b'rekord kriminali jkunu jridu jixtru ċ-ċittadinanza Maltija. Fl-investigazzjoni persuna oħra tinstema' tiftaħar u tispjega dwar influwenza u ħbiberija li għandha mal-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, l-Onor. Chris Cardona u l-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Konrad Mizzi.

Dan kollu jikxef korruzzjoni u abbuż ta' poter fil-bejgħ taċ-ċittadinanza Maltija u ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza (Kap. 188 tal-Liġijiet ta' Malta) u tar-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (Leġislazzjoni Sussidjarja 188.03).

Għal dan kollu huwa politikament responsabbli l-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, mhux biss għaliex bħala Prim Ministru jġorr ir-responsabbilità tal-Gvern b'mod kollettiv iżda wkoll għaliex b'għażla tiegħu stess żamm taħt ir-responsabbilità diretta tiegħu l-Programm tal-Investitur Individwali kif ukoll l-affarijiet taċ-Ċittadinanza u l-konsolidazzjoni tad-dmirijiet kollha relatati maċ-Ċittadinanza.

Għaldaqstant qegħdin formalment nitolbu li l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jifli dan il-każ billi fost oħrajn, iżda mhux biss, iħarrek u jisma' x-xhieda tal-persuni kollha nvoluti u jitlob id-dokumenti kollha meħtieġa għal dan il-għan.

**Adrian Delia**
**Kap tal-Oppożizzjoni**

**Karol Aquilina**
**Kelliem tal-Oppożizzjoni għaċ-Ċittadinanza**

**Clyde Puli**
**Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni u Segretarju Ġenerali**

Partit Nazzjonalista
Triq Herbert Ganado, Pieta PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
www.pn.org.mt